# IL-KNISJA TA' SAN LAWRENZ TAL-BIRGU

## IT-TIENI TAQSIMA

Li l-Knisja ta' San Lawrenz hi qadima bil-bosta, jirfidha u jseddaqha l-laqam li, sa minn dejjem, kienet magħrufa bih. Barra mil-laqam ta' "San Lawrenz-il-baħar" li aktarx wirtitu fi żmien il-Kavalieri, kellha laqam ieħor li jidher biċ-ċar li ġiè mogħti lilha qabel il-miġja tagħhom. Dan il-laqam hu ta' "San Lawrenz ta' Ħammuna," il-għaliex, il-Knisja ġiet imwaqqfa taħt il-għolja fejn kien hemm il-maqdes ta' alla falz Astarte (il-lum il-Kastell Sant'Anġlu) li misserijietna kienu jgħidulha "Ħammuna"; mill-feniċi Astarte jew Melitta, u nbagħad meta l-Griegi u r-Rumani ħakmu l-Gżira, biddlu dan l-isem f'dak ta' Ġunone.

Id-darba l-oħra wrejtkom in-nisel, il-qedem u t-tifkiriet sbieħ ta' dina l-Knisja; jiġifieri mort nurihielkom mis-sura tagħha *storika*. Ma għettilkomx wisq, iżda jidhirli li kien biż-żejjed biex ikollkom ħjiel mhux ħażin tagħha. Il-lum nurikom dil-Knisja fis-sura tagħha *arkeoloġika* u *artistika*.

Ma hemmx għal fejn intenni illi l-ewwel knisja kienet bil-bosta ċkejkna. L-altari kollha mal-banda tax-xellug, u s-saqaf tal-għuda; b'kor żgħir, u mal-lemin tiegħu, sew sew ħdejn il-prizbiterju, gallarija ta' l-orgni tal-għuda baxxa; hekk baxxa, illi fl-1532, nhar il-Għid, billi s-sagristan nesa l-blandun jixgħel, wara l-funzjoni, il-fjamma tal-blandun ħarġet l-injam tal-gallarija, u minn l-injam qabdet it-tapezzerija; mit-tapezzerija, is-saqaf; u l-knisja nħarqet għal kollox. Kollox sar irmied, kollox inħaraq, biss ġiet imħarsa, b'miraklu, ix-xbieha tal-Madonna ta' Filermo, li l-Gran Mastru, Lisle Adam, kien ġieb miegħu minn Rodi u qiegħdha fil-knisja ta' S. Lawrenz. Semmejt il-ħruq tat-tapezzerija. Dina kienet xogħol minn l-isbaħ, li l-kavalieri ġiebu magħhom minn Rodi, kienet xogħol ta' l-idejn u kollha xbihat, li l-Gran Mastru d'Aubusson ġiegħel tintiseġ għall-knisja Konventwali ta' S. Ġwann f'Rodi; kien fiha minsuġa l-ħajja ta' Santa Marija Maddalena, u ta' Santa Katarina ta' Lixandra. Dnub, jaħasra, teżor bħal dak inħela hekk!

Il-Knisja kienet imdawra bi knejjes oħra iżgħar minnha, fosthom, dawk ta' San Bastjan, Santu Rokku, Sant'Andrija, u ta' Santa Marija, li ġiet imġarrfa fl-1878 biex flokha twaqqfet l-Awla Kapitulari. Minn dawn il-knejjes sat-tarf tal-Pjazza, ma' tul iż-żenqa, kien jinsab iċ-Ċimiterju, li

x-xjuħ kienu jsejħulu z-zuntier, isem illi għadu magħruf bih. F'dan iz-zuntier kien hemm il-knisja ċkejkna ta' Santa Katarina. Meta ġew il-Kavalieri, ġiet imwaqqfa knisja kbira ġmielha minn flokha, iddedikata lill-Madonna ta' Damasku, miġjuba minn Rodi, u li saret waħda mit-tliet Parroċċi tal-Griegi. Meta l-Ordni tbattal mill-Birgu, u mar igħammar fil-Belt il-Ġdida, il-kwadru mirakuluż tal-Madonna ta' Damasku, ġie meħud hemm u mqiegħed fil-knisja tal-Griegi: Strada Vescovo. Fl-istess zuntier, fis-sena 1720, ġiet mibnija knisja oħra, bħala Uratorju tal-fratellanza tal-Kurċifiss. Xi mitt sena ilu, fi żmien il-Papas Borcia, il-knisja tal-Madonna ta' Damasku, li sa dak iż-żmien kienet għadha taħt it-treġija tal-kappillan tal-Griegi, ġiet mibjugħa għal ħaġa żgħira (mija u ħamsin skud) lill-Fratelli ta' San Ġużepp; il-lum Uratorju tagħhom. Fil-kappella, fejn dari kien hemm ix-xbieha tal-Madonna ta' Damasku, u li flokha ġiet imqegħieda xbieha bħalha, tal-fidda, stil grieg, jinsabu, ġewwa niċċa, il-kappell u s-sejf tal-Gran Mastru La Valette. Għalkemm il-knisja ta' San Lawrenz hi l-eqdem fost il-knejjes u l-Parroċċi ta' Malta, iżda l-bini ta' dik li hemm issa, mhux eqdem mis-sena 1681. Damet tinbena ħmistâx-il sena, jiġifieri sal 1696. Jidher biċ-ċar illi f'dak iż-żmien, il-faqar kien għafas iż-żejjed, u nistgħu ngħidu li telgħet bil-ħniena t'Alla. Ir-rħama fuq il-bieb il-maġġur, tgħid: *Divina Provvidentia aedificante.* L-arkitett kien l-imsemmi malti Lawrenzu Gafà. Il-knisja hi sura ta' salib, twila 127 u wiesgħa 71 pied. In-navijiet sbieħ u wesgħin 21 pied. L-istil tal-knisja, hu dak li jsejħulu: *Compost,* u l-kursija hi waħda minn l-isbaħ tal-Gżira. Igħidu illi l-Arkitett ma ġarrafx il-knisja l-qadima, li kienet ta' stil *Normann,* iżda ksieha biss minn barra; u jgħidu illi taħt il-plieri l-ġodda, għadhom jinsabu l-kolonni mdawrin tal-knisja l-qadima. U dan hu ta' min jemmnu; il-għaliex il-koppla, għalkemm kbira u sabiħa, hi minn għajr tambur, illi meta wieħed jaraha, jistagħġeb, kif qatt il-Gafà fettillu jagħmel koppla bħal dik, hekk dgħifa, fuq plieri, li malli tarahom taħsibhom jifilħu l-koppla ta' San Pietru. Iżda meta wieħed ifiehem illi dawk il-plieri huma bla irfid minn ġewwa, anzi moħfijin, imħabba l-kolonni tal-knisja l-qadima, malajr wieħed jintebaħ, illi l-Gafà beża', illi jekk igħolli l-koppla jew inkella jżid it-toqol tat-tambur, jiġġarraflu kollox.

Ħaġa li tolqot il-għajnejn malli tasal għan-naħa tal-kappelluni hi, illi għandha żewġ priżbiterji, wieħed fuq u l-ieħor taħt. Għal ta' taħt titla' b'żewġ tarġiet. Dan mhux lè mankament, iżda tiżjina. U bliema ħsieb dan ġie magħmul? Il-Gran

Mastri u l-Kavalieri kienu jidhrilhom li ma għandhomx ikunu mħalltin man-nies l-oħra, *Odi profanum vulgus*, u fuq dak il-prižbiterju kellhom it-tron, u s-sedili tal-ġewż. Il-prižbiterju ta' fuq, bħal ma tafu, kien biss għal l-Isqof jew għal-Gran Prijur u għall-qassisin. La wasalna hawn, ta' min isemmi l-Istalli tal-Kor, li naħseb jien huma l-isbaħ li hawn fil-Gżira. Mhux l-ogħna, iżda bħala xogħol ta' l-arkitettura. Dal-kor, huwa ta' l-injam tal-ġewż; igħidu li kien il-qadim tal-Kattidral. Hu magħmul b'żewġ ordni ta' Arkitettura mgħaqqdin fl-inıkien bi kbira ħlewwa: korintju u doriku. Dnub li meta sewwewh, xi sittin sena ilu, marru jiżbgħuh għax biddlu xi bċejjeċ imsewsin! Nitma illi f'qasir żmien, jerġgħu joburxuh, u jtuh mill-ġdid il-għamla ewlenija. Din il-Knisja, hi mogħnija b'pittura u bi ħwejjeġ oħra tal-qedem bil-bosta ta' min igħożżhom. It-titular tal-Mattias, hu sabieħ tassew; u l-ikbar wieħed ta' Malta. Tal-Mattias ukoll hemm iċ-Ċena ta' Canaan. Tal-Paladini, hemm dak ta' Santu Rokku. Ta' skola taljana, dak ta' San Franġisk. Ta l-Erardi, Kristu jħaddan is-salib, u Kristu mejjet. Il-Ħarba għal l-Eġittu, hi aktarx taz-Zampieri jew Domenikinu ecc. ecc. Fl-altar tal-Kurċifiss, jinsab Kristu ta' l-injam; inġieb mill-gżira ta' Ċipru, għażiż ħafna. Igħidu illi fi żmien l-imgħoddi, bosta pelligrini, kienu jiġu minn Ċipru, biex iqimuh. Fis-Sagristija, jinsab kwadru pinġut fuq il-għuda, ta' l-Iskola *Senese* ta' żmien l-Isle-Adam 1530. Kien it-titular tal-knisja, u ma' dwaru kellu oħrajn żgħar, li minnhom biss baqgħu tnejn, li qegħdin fl-Awla Kapitulari. Jinsab kwadru ieħor biżantin, miġjub minn Rodi. Ta' min isemmi kwadru ieħor li għal kemm qiegħed band'oħra, għandu x'jaqsam ma' l-istorja tagħna. Dan xbieha ta' Sant'Anna qiegħda tredda lill-Madonna bil-bosta mirakuluża. Meta l-Gran Mastru L-Isle-Adam ħatar din il-Knisja, bħala Knisja Kunventwali, il-Kappillan mar jamministra s-sagramenti fil-Knisja tal-Lunzjata u ħadha miegħu f'din il-Knisja. Meta l-Ordni ġarret kollox il-Belt il-Ġdida, u l-kappillan raġa' għal San Lawrenz il-Patrijiet ma ħallewhx jeħodha miegħu; għalhekk saret ftehima, illi fis-7 ta' Settembru ta' kull sena, il-kappillan, (il-lum il-kapitlu) jitilgħu bil-purċissjoni għal dal-kwadru u jibqa' l-festa kollha fil-knisja ta' San Lawrenz, u wara l-funzjoni, mill-ġdid jittieħed fil-Knisja tal-Lunzjata!!..

Fl-Awla Kapitulari, illi hi fl-istess ħin mużew ċkejken, jinsabu xi ħwejjeġ miġjubin minn l-Ordni, u li ġew imħarsa minn taħt id-dwiefer ta' Napuljun Bonaparti. Dawn huma Salib kbir biżantin, ċensier, kalċi, u żewġ kandlieri, u

salib żgħir li fuqu kienu jieħdu l-ġurament il-Gran Mastri fil-jum tal-Pussess. L-apparat imsejjaħ ta' Rodi, hu prezzjuż tassew; magħmul fi żmien il-Gran Mastru d'Aubusson fl'1474; għadu qawwi, donnu minsuġ il-bieraħ. Hemm ukoll pjaneta li l-Papa Alessandru VII bagħat bħala tifkira ta' meta kien inkiżitur, u pjaneta oħra tal-kardinal Antonio Ruffo. Hemm, wieħed jista' wkoll jara l-kolonni, il-ventartal u l-kunupew tal-kappella tas-Santissimu. Sbieħ tassew u għonja, il-għaliex huma ta' arazzi tal-ħarir, minsuġ fuq drapp tad-deheb. Fil-paġġatur ta' l-Awla, hemm kwadru tal-Madonna ta' Monserrat, bl-Iskof Gargallu għarrkobbtejh quddiemha. Dan il-kwadru kien hemm ieħor bħalu fil-knisja tal-Ġiżwiti tal-Belt. Talli dan l-Isqof ġieb ruħu ħażin ma' xi kanonċi tal-Katidral, il-Papa tah penitenza li jagħmel dan il-qwadru fil-Knisja ta' San Lawrenz, iżda maż-żmien, ġie mibdul minn ieħor ta' Santa Katarina.

Bosta ħwejjeġ oħra hemm wieħed xi jsemmi, iżda billi dawn huma aktarx ta' żmienna, u billi għad, biex ingħid hekk, ma libsux il-libsa tal-qima u tax-xjuħija, inħalluhom għal dawk illi meta jridu, jistgħu jżuru b'sabarhom kollu, din il-knisja, ġawhra ta' storja, ta' arkeoloġija u ta' sengħa.

**Kan: G. M. Farrugia.**